DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/517

tal-21 ta' Marzu 2018

dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta bl-isem ta' "Ħbieb Brittaniċi — ibqgħu magħna fl-UE"

(notifikata bid-dokument C(2018) 1730)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Is-suġġett tal-inizjattiva proposta bl-isem ta' "Ħbieb Brittaniċi — ibqgħu magħna fl-UE" huwa: "Brexit fl-2016 ma kienx plebixxit vinkolanti, iżda sempliċiment referendum pubbliku sabiex il-Parlament Brittaniku jevalwa l-opinjoni tal-popolazzjoni Brittanika dak iż-żmien."

(2) L-objettivi ewlenin tal-inizjattiva proposta huma: "L-għan tagħna huwa li noħolqu pjattaforma li tippermetti liċ-ċittadini Ewropej kollha jieħdu sehem f'din l-inizjattiva u biex nilħqu l-parti l-kbira taċ-Ċittadini Brittaniċi (inklużi dwak li jgħixu fl-UE li ġew effettivament imċaħħda mid-drittijiet tagħhom fir-referendum oriġinali) u b'hekk nagħtu opportunità liċ-ċittadini Brittaniċi kollha li jagħtu l-opinjoni tagħhom."

(3) It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jirrinforza ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jsaħħaħ aktar il-funzjonament demokratiku tal-Unjoni billi jipprovdi, *inter alia*, li kull ċittadin ikollu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni permezz ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej.

(4) Għal dan il-għan, il-proċeduri u l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-inizjattiva taċ-ċittadini għandhom ikunu ċari, sempliċi, faċli biex jintużaw u proporzjonati man-natura tal-inizjattiva taċ-ċittadini sabiex titħeġġeġ il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u biex l-Unjoni ssir aktar aċċessibbli.

(5) Id-dritt li kwalunkwe Stat Membru jirtira mill-Unjoni Ewropea huwa mnaqqax fl-Artikolu 50(1) tat-TUE, li skontu kull Stat Membru jista' jiddeċiedi, skont il-ħtiġijiet kostituzzjonali tiegħu, li joħroġ mill-Unjoni.

(6) Filwaqt li l-Kummissjoni Ewropea jiddispjaċiha għad-deċiżjoni tar-Renju Unit li jirtira mill-Unjoni Ewropea, kif iddikjarat minn Jean-Claude Juncker, il-President tal-Kummissjoni Ewropea flimkien ma' Martin Schulz, il-President tal-Parlament Ewropew, Donald Tusk, il-President tal-Kunsill Ewropew u Mark Rutte, id-Detentur tal-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, fl-24 ta' Ġunju 2016 ([2]), ma hemm l-ebda bażi ġuridika fit-Trattati li tippermetti l-adozzjoni ta' att ġuridiku relatat mal-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet fi Stat Membru b'rabta man-notifika tal-intenzjoni tal-Istat Membru li jirtira mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-TUE.

(7) Għal dawn ir-raġunijiet, l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta bl-isem ta' "Ħbieb Brittaniċi — ibqgħu magħna fl-UE" manifestament taqa' barra mis-setgħat tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta għal att ġuridiku tal-Unjoni għall-iskop li timplimenta t-Trattati fis-sens tal-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament, moqri flimkien mal-punt 1 tal-Artikolu 2 tiegħu.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-reġistrazzjoni tal-inizjattiva proposta bl-isem ta' "Ħbieb Brittaniċi - ibqgħu magħna fl-UE" hija b'dan irrifjutata.

([1]) ĠU L 65, 11.3.2011, p. 1.
([2]) http://europa.eu/rapid/press-release_STATEMENT-16-2329_mt.htm

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-organizzaturi (il-membri tal-kumitat taċ-ċittadini) tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta bl-isem ta' "Ħbieb Brittaniċi — ibqgħu magħna fl-UE", irrappreżentata minn *[Dejta personali mħassra wara konsultazzjoni mal-organizzaturi]* li jaġixxu bħala l-persuni ta' kuntatt.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Marzu 2018.

Għall-Kummissjoni
Frans TIMMERMANS
L-ewwel Viċi President